29 February – 8 April 2024

# Lent to Easter Philatelic Exhibition

The Gozo Philatelic Society has changed the exhibit on Level -1 at Il-Ħaġar Museum. Various cards and stamps related to the Lent and Easter celebrations are now being exhibited in conjunction with the initiative *Easter in Gozo* organised by the Ministry for Gozo and Planning.

Postcards from the early twentieth century show classical paintings of Christ's passion as well as other aspects of Lent and Easter festivities. Stamps with these themes include issuers such as the Sovereign Military Order of Malta and the Caribbean islands. A range of philatelic covers from Gozo also form part of this interesting collection.

Visitors can pick up copies of the full-colour Gozo Philatelic Society periodical whose content is not limited to just stamps.

At the moment the Museum is offering other varied temporary exhibits. These include a collective art exhibition *Unknown Prescription* by Mario Abela, Charles Balzan, and Justin Falzon, the documentary exhibit extracted from the Joseph Vella Music Archive featuring twelve woodwind compositions, and also handcrafted miniature statuettes (*pasturi* style) representing a traditional Good Friday procession.

Il-Ħaġar Museum is open seven days a week, 9:00-17:00. Admission is free.

1 March 2024

IL-ĦAĠAR
HEART OF GOZO

29 ta' Frar – 8 ta' April 2024

# Filatelija konnessa mar-Randan u l-Għid

Is-Soċjetà Filatelika t'Għawdex qiegħda tniedi wirja ġdida fil-livell -1 tal-mużew Il-Ħaġar fi Pjazza San Ġorġ, Victoria, Għawdex. Numru mdaqqas ta' kartolini u bolli qed jiġu esposti f'dan iċ-Ċentru bħala parti mill-inizjattiva "L-Għid f'Għawdex" organizzata mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar.

Żgur li jolqtu l-interess ta' kulħadd il-kartolini mill-bidu tas-seklu għoxrin li juru kwadri klassiċi tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu u ta' aspetti oħra tar-Randan u tal-Għid. Dawn it-temi jidhru wkoll fuq bolli maħruġa, fost l-oħrajn, mill-Ordni ta' San Ġwann u mill-gżejjer tal-Karibew. Jiffurmaw parti minn din il-kollezzjoni anke kartolini filateliċi minn Għawdex.

Min iżur il-wirja jista' jieħu kopja tar-rivista tas-Soċjetà Filatelika ta' Għawdex li toffri informazzjoni varjata.

Preżentament fil-Mużew Il-Ħaġar hemm esebiti tliet wirjiet temporanji oħra. Dawn jinkludu l-wirja kollettiva tal-arti *Unknown Prescription* mill-artisti Mario Abela, Charles Balzan u Justin Falzon, għażla dokumentarja mill-Arkivju Mużikali tal-Maestro Joseph Vella dwar tnax-il kompożizzjoni għal strumenti tan-nifs kif ukoll il-wirja ta' statwetti jew aħjar pasturi artiġjanali f'purċissjoni tradizzjonali tal-Ġimgħa l-Kbira.

Il-Ħaġar jiftaħ mit-Tnejn sal-Ħadd, mid-9:00 a.m. sal-5:00 p.m. Dħul b'xejn.

1 ta' Marzu, 2024